MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Numru 37/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Moamr Ali Melad Eltarhuni**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 37 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Moamr Ali Melad Eltarhuni, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-25 ta Mejju 2006, ghal habta tad-9.30pm., kien hemm grupp ta zghazagh Gharab fil-flat No 1, Elaine's Flats, Triq il-Mintba, Marsascala. Illi f'mument minnhom inqalghet glieda w Moamr Ali Melad Eltarhuni qabad sikkina w beda jxejjer diversi daqqiet fosthom f'ghonq Shokri Ali Alawani w dana bil-hsieb li joqtlu jew jqghedlu hajtu f'periklu car. Illi fil-fatt Shokri Ali Alawani sofra diversi feriti gravi, izda li fortunatament ma kkawzawx l-mewt. Illi fil-frattemp kien hemm Aimen Al Ghanemi li pprova ifferaq izda

l-istess Moamr Ali Melad Eltarhuni laqtu bis-sikkina w ikkagunalu feriti gravi w permanenti b'mod partikolari f'idu.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Moamr Ali Melad Eltarhuni sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill- volonta' tieghu.

Ghaldaqastant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Moamr Ali Melad Eltarhuni hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil- hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija minn seba snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31 (1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht c- cirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe' Marsascala fil-25 ta' Mejju, 2006 ghal habta tad-9.30pm., Moamr Ali Melad Eltarhuni waqt l-istess glieda volontarjament ta bis-sikkina diversi daqqiet lil Aimen Al Ghanemi inkluz f'idejh u kkagunalu difett gravi w permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Moamr Ali Melad Eltarhuni sar hati ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna li gabet difett permanenti f'parti tal- ghamla tal-gisem u cioe' talli, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta' haddiehor f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil- gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, b'dan illi

l-offiza fuq il-persuna gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Moamr Ali Melad Eltarhuni hati ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna li gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem u cioe talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra b'dan illi l-offiza fuq il-persuna gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l- imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija minn disa' xhur sa disa' snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 218 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal- imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u taht c- cirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe' Marsascala fil-25 ta' Mejju, 2006, ghal habta tad-9.30pm., Moamr Ali Melad Eltarhuni kellu fil-pussess tieghu sikkina b'xafra w bil-ponta minghajr id- debita licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. B'din l-arma hu ipprova joqtol lill-Shokri Ali Alalwani w iwegga lil Aimen Al Ghanemi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Moamr Ali Melad Eltarhuni sar hati talli minghajr licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil- ponta.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill- imsemmi Moamr Ali Melad Eltarhuni hati talli minghajr licenzja tal- Kummissarju tal-Pulizija kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall- piena ta' multa ta' mhux izjed min hamsin lira jew prigunerija ta' mhux izjed min tlett xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 13(1) u 19 tal-

Kap 66 u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih b’seba’ (7) voti favur u b’zewg (2) voti kontra sabu lil Moamr ali Melad Eltarhuni mhux hati tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, ghaliex ghalkemm ikkaguna offiza ta’ natura gravi bi strument li jaqta’ w iniggez fl-ghonq ta’ Shokri Ali Alaweni, liema offiza gabet sfregju, hu kien agixxa minhabba l-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu w li bih unanimament sabuh mhux hati tal-akkuza taht it-Tieni Kap izda hati li kkaguna ferita ta’ natura gravi bi strument li jaqta’ w iniggez, b’dana pero’ li r-reat hu skuzabbli ghaliex sar fil-waqt li hu kien taht l-influwenza mmedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista’ jqis l-eghmil tieghu w li b’sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra sabuh hati tal-akkuza taht it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

1. Tiddikjara ghalhekk lil Moamr Ali Melad Eltarhuni mhux hati skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza ghaliex agixxa fid-difiza legittima tieghu nnifsu.
2. Tiddikjarah mhux hati skond it-Tieni Kap izda hati li kkaguna ferita ta’ natura gravi bi strument li jaqta’ w iniggez, b’dana pero’ li r-reat hu skuzabbli ghaliex sar fil-waqt li hu kien taht l-influwenza mmedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista’ jqis l-eghmil tieghu.

3. Tiddikjarah hati skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet KOLLHA tal-abbli difensur Dr. Joseph Brincat, li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti :-

1. illi l-piena massima skond l-artikolu 216(b), 217, bl-attenwanti skond l-artikoli 227(c), 230(b) u 232(a) tal-Kodici Kriminali, hija dik massima ta’ tnejn u tletin xahar prigunerija w dik minima ta’ tlett xhur u ghaxart ijiem prigunerija;
2. illi minn Jannar 2007 sal-lum, meta ha l-liberta’ provvizorja, l-hati ma kkommetta ebda reat iehor;
3. illi l-hati kellu fedina penali netta w gie deskritt minn xhud bhala “tifel sew”;
4. li kien hu stess li l-ghada tad-delitt mar ta ruhu f’idejn il-Pulizija;
5. li kien ikkoopora fl-investigazzjoni w fl-istqarrija tieghu qal kollox bl-aktar mod assolut;
6. li din il-Qorti ma hassitx li kellha taghmel domandi addizjonali lill-hati meta gie biex jinzel mill-pedana tax-xhud;
7. illi l-hati kien id-dar bi kwietu w l-incident li zviluppa kien wiehed fejn kellu jiddefendi ruhu;
8. illi altru wiehed juza sikkina gewwa daru w altru jgorrha w jiggieled biha barra minn daru.

Ghalhekk il-Qorti f’dan il-kaz setghet tapplika provvediment ta’ sentenza karcerarja sospiza jew addirittura provvediment skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Qieset dak li qal l-abbli prosekutur Dr. Maurizio Cordina illi jinsabu kollha registrati w cioe’ li l-prosekuzzjoni f’dan il-kaz xorta wahda kienet qed tinsisti ghall-applikazzjoni ta’ piena karcerarja effettiva ghax skond il-verdett tal-gurati ntuzat sikkina b’mod vjolenti fil-konfront tal-vittma El Ghanemi w dan l-agir huwa ferm kundanabbli w kellu jigi rifless fil-piena.

Wara li qieset dan kollu, w wara li rat l-artikoli 216(b), 217, 227(c), 230(b), 232(a), 17(b) u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-artikoli 13(1) u 19 tal-Kap 66, tikkundanna lill-hati Moamr Ali Melad Eltarhuni ghall-piena komplessiva ta’ sena prigunerija, kif ukoll li jhallas is-somma ta’ tmien mija w tnejn u hamsin Euro w seba’ w sittin Euro centezmi (€852.67) import ta’ l-ispejjez tal-perizji.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------